TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/186/22/S

Charlene Ellul

vs

Josies Bathroom Centre Ltd.

Illum 27 ta' Marzu, 2025

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Charlene Ellul ippreżentata fid-9 ta' Diċembru, 2022 u r-risposta tas-soċjeta' intimata Josies Bathroom Centre Ltd. ippreżentata fis-16 ta' Mejju, 2023;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet, u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment daparti tar-rikorrenti fuq wiċċ ta' *kitchen island* li hi qed titlob li jiġi mibdul;

Illi mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal, ma jirriżultax mill-provi prodotti mir-rikorrenti illi l-oġġett in kwistjoni u ċioe' l-wiċċ tal-*kitchen top* kien materjal difettuż jew li ma kienx adatt għall-iskop li għalih kien inxtara u ċioe' dak li jkun wiċċ ta' *kitchen top*;

Illi għalhekk it-talba kollha tar-rikorrenti kif dedotta fit-talba ma tistax tintlaqa' fl-intier tagħha;

Illi għalhekk dan it-Tribunal iħoss li mill-provi mressqa, r-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova dak minnha allegat u ċioe' li l-materjal tal-*kitchen top* kien difettuż jew mhux adatt għall-iskop li għalih inxtara;

Illi min-naħa l-oħra t-Tribunal iħoss illi s-soċjeta' intimata għandha tibgħat persuna biex jerġa' jagħmel il-*grouting* fejn dan

fetaħ, kif ukoll iwaħħal b'kolla appożita l-parti illi ġiet iċċipjata meta waqgħet il-kikkra.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Charlene Ellul kif detotta fit-talba, filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' Josies Bathroom Centre Ltd., pero' Jordna li din ta' l-aħħar u ċioe' s-soċjeta' Josies Bathroom Centre Ltd, tibgħat fi żmien ġimagħtejn mil-llum persuna kompetenti biex terġa' tagħmel il-*grouting* fejn dan infetaħ, kif ukoll twaħħal b'kolla appożita l-parti li ġiet iċċipjata meta waqgħet il-kikkra.

B'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888